MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 76/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Frendo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva Francis Frendo talli fid-29 ta' Dicembru 2007ghall-habta ta' l-4.00 a.m. fi Triq Dun Miju Zarb, Zebbug, fir-residenza numru 21, hedded bi kliem lil ex mara tieghu Carmen Frendo;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Marzu 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Francis Frendo hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal xahrejn detenzjoni. Inoltre, ai termini ta' l-artikolu 383

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dik il-Qorti ordnat lill-istess Francis Frendo jitqieghed taht obbligazzjoni tieghu nnifsu li ma jersaqx lejn Carmen, Clint u Anthea Frendo, u dan b'garanzija ghal perijodu ta' sena taht penali ta' €500;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Francis Frendo pprezentat fit-13 ta' Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni skond il-ligi, u subalternattivament f'kaz li tigi kkonfermata s-sentenza appellata, tigi imposta fuqu piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant Francis Frendo huma fil-qosor is-segwenti: (1) Tenut kont ic-cirkostanzi antecedenti u r-ragunijiet ghall-prezenza tieghu fir-residenza ta' martu, ma jistax jitqies li jezistu l-estremi tat-theddid, anke jekk stess intqal xi diskors; (2) Bla pregudizzju ghall-premess, il-piena ta' detenzjoni kienet severa wisq.

B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi theddida vera u proprja ma kienx hemm. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Frendo**, l-appellant josserva li l-prospett ta' hsara ghandu jkun prospett rejali fis-sens illi meta persuna tghid lil xi hadd li ser tikkommetti fuqu xi aggressjoni fizika, jehtieg illi dan ix-xi hadd huwa konvint illi min qallu dak id-diskors ghandu l-kapacita` u l-propensita` li jasal. Skond l-appellant, f'daghdigha jinghad hafna diskors bil-bicca kbira jkun nar tat-tiben. Jghid li fil-kaz odjern huwa ferm dubitabbli li bniedem li qed jipprova jirranga ma' martu u li fil-passat ta' bejniethom f'ghoxrin sena qatt ma refa' idejh fuqha, jista' jitqies li rejalment qed jipprospetta li jaghmlilha hsara fil-futur.

Wara li din il-Qorti semghet ix-xiehda ta' Carmen Frendo, ta' Clint Frendo u ta' l-appellant stess u ezaminat l-affidavit ta' P.S. 539 F. Caruana, hi sodisfatta li l-appellant verament hedded lil Carmen Frendo li "joqtolha". Dan xehduh Carmen Frendo u Clint Frendo u mill-affidavit ta' P.S. Caruana jirrizulta li l-Pulizija gew hekk infurmati minn Carmen Frendo *a tempo vergine*. Da parti tieghu l-appellant jghid li kien xurban u li meta tkun xurban tghid affarijiet li lanqas tkun taf li qed tghidhom.

Issa, mill-atti ma jirrizultax illi l-appellant qatt eccepixxa xi wiehed mic-cirkostanzi msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta – fi kwalunkwe kaz, f'dan il-kaz ma jirrizulta li jezisti l-ebda wiehed mic-cirkostanzi hemm imsemmija. Is-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu 34 mbaghad jipprovdi li l-istat ta' sokor ghandu jitqies sabiex jigi stabbilit jekk il-persuna akkuzata kenitx ifformat l-intenzjoni, specifika jew xort'ohra, li minghajrha ma kenitx tkun hatja tar-reat. Fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet – u l-appellant qieghed jigi akkuzat bil-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 – hi bizzejjed il-volontarjeta`.

Nonostante li din il-Qorti ma jista' jkollha l-ebda dubju minn dak li xehdu Carmen Frendo u Clint Frendo li l-appellant kien xorob qabel ma mar ghand martu, indubitament kull ma ghamel l-appellant f'dak il-lejl ghamlu b'mod ghal kollox volontarju. Dan johrog mix-xiehda tieghu stess meta ghalkemm xehed li "dawn l-affarijiet mhux ippjanajthom", pero` kompla li <u>"mohhi haseb hekk"</u>. Jigifieri b'mod ghal kollox volontarju mar wara l-bieb tad-dar ta' martu, sgassa l-bieb (ghalkemm huwa jghid li ma jafx kif infetah), tela' fuq fejn hu stess jammetti li ra lil martu u lit-tifel naqra imbezza' – ma kellhomx ghalfejn ikunu mbezzghin kieku fethulu huma u dahal b'mod ghal kollox trankwill – u, peress illi huwa ma jridx jaccetta li z-zwieg tieghu tfarrak irrimedjabilment, hedded lil martu li joqtolha jekk ma tergax tirranga mieghu.

Huwa minnu, kif jghid l-appellant, li hafna drabi jinghad diskors li jkun biss nar tat-tiben. Evidentement l-ewwel

Qorti kkunsidrat it-theddida msemmija bhala theddida gravi. Carmen Frendo xehdet li kien hemm okkazjonijiet ohra fejn l-appellant heddidha u hafritlu, zewg okkazjonijiet fejn kissrilha l-*windscreen* u hafritlu, izda hasset li ma setghetx tibqa' ghaddejja hekk peress illi la hi u lanqas it-tfal ma jistghu jghixu hajja trankwilla.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tac-cirkostanzi tal-kaz. Kull persuna ghandha dritt tghix gewwa darha minghajr il-biza' li minn hin ghall-iehor se tisfa l-vittma ta' xi aggressjoni. Sfortunatament spiss jigri f'sitwazzjonijiet familjari, mhux l-anqas f'relazzjonijiet bejn il-konjugi, li mill-kliem jigi s-sod, li t-theddid jasal biex javvera ruhhu. Fil-kaz in ezami diga` jidher li kien hemm cirkostanzi ta' hsara fuq il-proprjeta` ta' Carmen Frendo u ta' theddid lejha. Din il-Qorti inoltre osservat li jidher almenu *prima facie* mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Mejju 2008, li allura nghatat wara s-sentenza odjerna appellata izda li kienet tittratta incident li sehh gimgha  biss qabel il-kaz in ezami, l-appellant instab hati talli fit-22 ta' Dicembru 2007 ghall-habta tal-5.30 hrs u fil-granet ta' qabel (1) gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-ex martu Carmen Frendo u b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal dik il-persuna, u (2) fl-istess cirkostanzi l-imgieba tieghu kkagunat lil Carmen Frendo biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd. Jigifieri l-frekwenza ta' l-incidenti ma tistax tigi mwarrba.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti injorat kompletament il-fatti mitiganti konfermati mill-appellant stess, cioe` li r-raguni ghaliex mar id-dar ta' martu kienet proprju ghaliex xtaq ikellimha u ma sehh ebda att ta' vjolenza jew kuntatt fiziku. U jekk sar xi diskors, dan kien ghax jinsab mugugh u disturbat ghax il-mara ma tridx taf bih aktar u mhux diskors ta' xi hadd li verament irid jaghmlilha hsara jew li jasal biex iwettaq xi att kontra taghha. L-appellant jghid illi apparti dan l-aspett

emottiv, tenut kont li kien xi ftit xurban, li ma ghandu ebda precedenti ma’ martu u anqas b’mod generali, ma jezistux l-estremi sabiex jekk verament hemm htija ta’ theddid jinghata l-piena ta’ detenzjoni.

In materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi ghalkemm fil-massimu taghha.

Ir-ragunijiet emottivi huma ghal kollox irrilevanti. F’dar-rigward issir referenza ghal dak li ntqal aktar ‘il fuq. Barra minn hekk din il-Qorti zzid tghid li jekk verament l-appellant xtaq li jkun hemm rikonciljazzjoni, ma kienx qieghed juri dan b’atti ta’ mhabba. Min verament ihobb ma jasalx biex jikkommetti atti jew jghid kliem ta’ vjolenza. Dan l-atteggjament aktar ibieghed lill-persuna l-ohra.

Dwar il-fatt li jghid li kien xurban, din il-kwistjoni diga` giet ittrattata aktar ‘il fuq. M’hemm xejn x’juri li l-appellant kien f’tali stat ta’ sokor li r-responsabbilta` kriminali tieghu giet imxejna jew b’xi mod imnaqqsa.

Kwantu ghall-precedenti tieghu, huwa veru li sa dakinhar li nghatat is-sentenza appellata ma kinux inghataw sentenzi ohra fil-konfront tieghu fejn martu kienet ikkoncernata, izda kif diga` rajna, kien hemm kaz iehor li sehh gimgha qabel dak odjern li pero` gie deciz fis-26 ta’ Mejju 2008. Kwantu ghal antecedenti ohra, il-fedina penali tieghu turi li nstab hati dwar reati li jvarjaw minn mizapproprjazzjoni, falsifikazzjoni, pussess tar-raza tal-cannabis, u zamma ta’ senter mhux fil-post licenzjat biex jinzamm, ghal ksur ta’ xi regolamenti tat-traffiku.

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta’ Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta’ Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs David Vella**, 14 ta’ Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta’ April 2003.

F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li jezistu ragunijiet validi u sufficjenti li jiggustifikaw li din il-Qorti tiddisturba l-piena li l-ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, ghazlet li tinfliggi fuq l-appellant. Pero`, peress illi jidher li l-appellant qieghed fil-process ta’ rijabilitazzjoni minhabba l-problema tad-droga, din il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin sabiex jassistieh biex ikompli tali process.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b’dan li l-obbligazzjoni li biha l-appellant intrabat li jzomm il-kwiet ma’ Carmen, Clint u Anthea Frendo u li huwa ffirma quddiem l-ewwel Qorti fit-3 ta’ Marzu 2008 tibda ssehh ghal perijodu ta’ sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------